MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2014

Avviz Numru. 350/2013

**Michael Attard Limited (C32362)**

**vs**

**Simon Bugeja u Rita Bugeja**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-6 ta' Novembru 2013 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuha s-somma ta' tmint elef u hamsa u tletin Ewro u tmien centezmi (€8,035.08) rapprezentanti import ta' wiehed u ghoxrin (21) kambjala skaduti, accettati u firmati mill-konvenuti.

Bl-ispejjez u bl-imghax ulterjuri mid-data tal-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

**Simon Bugeja** xehed nhar id-19 ta' Frar 2014 u spjega illu huwa joqghod gewwa r-residenza Santa Marija, Triq l-Gheneb, Zebbug. Il-mara tieghu Rita ma tghix mieghu u ilha erba' snin li telqet mid-dar. Huwa ma jafx fejn toqghod il-mara tieghu. Mistoqsi mill-Qorti kemm hallas flus minn Novembru sa llum wiegeb li ma jafx, pero' ghamel diversi pagamenti. Mistoqsi jekk effettivament hallasx aktar minn disa' mitt ewro (€900) wiegeb li ma jafx.

Rat in-nota ta' riduzzjoni pprezentata mis-socjeta' attrici pprezentata seduta stante nhar id-19 ta' Frar 2014 li permezz taghha rriduca t-talba tieghu bis-somma ta' disa' mitt ewro (€900) stante li sar pagament fil-mori tal-kawza.

Rat in-nota ta' riduzzjoni prezentata mis-socjeta' attrici waqt is-seduta mizmuma mill-Qorti nhar l-4 ta' Gunju 2014 li permezz taghha rriduca t-talba tieghu bis-somma ta' sitt mitt ewro (€600) stante li sar pagament fil-mori tal-kawza.

Rat illi l-konvenuta Rita Bugeja hija kontumaci u dan wara li s-socjeta' attrici nnotifikatha bl-atti odjerni permezz tal-procedura tal-affissjoni meta thalliet kopja tar-rikors promotur fl-indirizz taghha kif moghti fir-rikors promotur fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Haz-Zebbug u fil-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug nhar l-14 ta' Frar 2014 kif jirrizulta mit-timbru tal-purtier Charles Buttigieg (kif muri fl-atti a fol 16 tergo tal-process). Illi s-socjeta' attrici pprezentat l-avviz li deher fil-gazzetta lokali '*The Malta Independent'* datata 4 ta' Frar 2014 (fol 12 ta' l-atti) u kopja tal-avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern datat 31 ta' Jannar 2014 (fol. 9 tal-atti) u l-konvenuta baqghet inadempjenti u ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talba attrici.

Semghet lill-financial controller tas-socjeta' attrici **Stefan Sacco** jixhed nhar l-4 ta' Gunju 2014 fejn ddikjara li huwa qed jixhed ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' attrici. Huwa jahdem fil-credit control tal-istess socjeta' attrici. Ix-xhud spjega li l-wiehed u ghoxrin kambjala msemmijin fir-rikors promotur ikopru parti mill-kambjala numru tnejn u tletin u dawk kollha sat-tnejn u hamsin. Fil-fatt ix-xhud jaf li fil-mori ta' din il-kawza saru xi pagamenti fl-ammont totali ta' elf u hames mitt ewro u ghalhekk tnaqqsu l-kambjala tnejn u tletin, tlieta u tletin, erbgha u tletin u parti minn hamsa u tletin. Il-bilanc huwa ta' sitt elef, hames mija u hamsa u tletin ewro u tmien centezmi (€6,535.08). Huwa esebixxa l-*history* tal-*accounts* tal-konvenut li gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument CSH.

In kontro-ezami x-xhud iddikjara li l-konvenuti thallsu s-somma ta' hmistax-il elf u hamsa u tletin ewro (€15,035) inkluz l-imghax bir-rata ta' 8%, *compound interest*. Huwa spjega li peress li l-konvenut ma jhallasx skont il-kambjali, huma johorgulu ricevuta kull darba li jaghmel pagament u ghalhekk il-kambjali

ghadhom ghandhom sa llum. Mistoqsi jekk il-kambjali humiex kollha ghandhom wiegeb li jista' jkun li tawh uhud minnhom pero' dejjem tawh ricevuta.

Semghet lill-**konvenut Simon Bugeja** jixhed u dan fl-istess seduta tal-4 ta' Gunju 2014 u spjega illi llum-il gurnata huwa ghaddej minn procedura ghas-separazzjoni minn mal-mara tieghu, il-konvenuta. Huwa jaf illi tliet snin ilu kien ta n-number plates tal-vettura kif ukoll il-log book lis-socjeta' attrici u ghadu qed jistenna biex il-mara tmur ghand Michael Attard biex tiffirma l-log book biex il-karozza jerga' johodha lura Michael Attard.

Rat illi l-avukati rispettivi tal-partijiet talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi mismugha.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'din il-kawza s-socjeta' attrici qed titlob lill-konvenuti, stante li huma mizzewgin u bejniethom jidher li ghad hemm vigenti l-komunjoni tal-akkwisti, sabiex ihallsuha l-kambjali li kienu ffirmaw wara li kienu xtraw karozza minghandha. Jidher mill-atti li in effetti l-konvenut Simon Bugeja kien ghamel diversi pagamenti u sahansitra anke fil-mori tal-kawza hallas is-somma ta' elf u hames mitt ewro pero' ghad baqa' bilanc dovut lis-socjeta' attrici fis-somma ta' sitt elef, hames mija u hamsa u tletin ewro u tmien centezmi (€6,535.08) kif del resto kkonferma l-financial controller Stefan Sacco.

Illi l-konvenut Simon Bugeja stqarr li effettivament hallas ammont kbir ta' dak dovut minnu u cioe' aktar minn hmistax-il elf ewro (€15,000) fuq din il-vettura u dan gie kkonfermat mill-financial controller waqt ix-xhieda tieghu. Stqarr pero' li ghad fadal bilanc u kien ghalhekk li ghadu ma rritornax il-kambjali lill-konvenut. Dan Stefan Sacco spjega li l-konvenut ma kienx ihallas l-ammont indikat fuq il-kambjala u kien ghalhekk li s-socjeta' attrici baqghet ma rritornatx il-kambjali kollha pero' kkonferma li baghtet ricevuta kull darba li sar hlas. Ikkonferma li kien ghad fadal kambjali li jammontaw ghall-ammont ridott ta' sitt elef, hames mija u hamsa u tletin ewro u tmien centezmi (€6,535.08). Il-konvenut stqarr li huwa kien wasal fi ftehim mas-socjeta' attrici li kien ser jirritorna l-vettura lis-socjeta' attrici u fil-fatt jghid li kien gja ffirma n-naha tieghu tal-log book pero' martu qatt ma marret ghand is-socjeta' attrici u ghalhekk il-vettura ghadha tghajjat lilu. Provi pero' dwar dan l-allegat arrangament ma ressaqx.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar id-29 ta' Mejju 2003 fl-ismijiet "**Pool Charles vs Mercieca Carmelo**" fejn gie ritenut li:

*"Kawza proposta a bazi ta' kambjala ghandha tigi mill-Qorti trattata bl-akbar celerita' possibbli. Il-kambjala hija proprju l-instrument kummercjali nventat biex appuntu jassigura din il-heffa u l-ghaggla fic-cirkontrazzjoni tal-krediti u d-dejn u sabiex tirrispetta u kemm jista' jkun tiggarantixxi li l-processi kummercjali jkunu animati mill-istess ezigenzi.*

*Biex tassigura din ic-celerita', l-ligi tiffrena l-eccezzjonijiet li jistghu jinghataw kontra l-possessur tal-kambjala biex dawn ma jittardjawx il-kanonizzazzjoni ta' mport ta' kambjala. Tammetti eccezzjonijiet biex meta dawn ikun ta' facli*

*soluzzjoni.*

*Appena kambjala tigi ammessa, tigi krejata obligazzjoni 'ad hoc', ghal kollox indipendenti u separata minn kwalunkwe obligazzjoni li seghtet ipprecedietha. Ghalhekk f'kawza bhal din, l-eccezzjonijiet ammissibbli huma generalment limitati ghall-kambjala nnifisha u bhala regola m' ghandhomx jigu permessi eccezzjonijiet li jikkoncernaw obligazzjonijiet precedenti.*

*Fl-azzjoni kambjarja huma permessi biss eccezzjonijiet li jikkontestaw il-validita formali tal-kambjala in kwantu jallegaw li din tkun fuq il-wicc taghha inoltre f'xi wahda mill-elementi kostitwiti essenzjali taghha kif trid il-ligi.*

*Hemm eccezzjonijiet permessibbli ghal dana kollu meta l-eccezzjoni tolqot l-ezistenza tal-kambjala stess bhal meta l-kunsens tal-accettant tal-kambjala jkun vizzjat minhabba vjolenza jew dolo u ghalhekk tali eccezzjoni ghandha tingieb permezz ta' azzjoni ohra u permezz ta' azzjoni ad hoc.*

*Huwa veru illi skond dana l-artikolu tal-ligi, meta l-eccezzjoni ma tistghax tigi definita malajr ma hijiex ammissibbli meta biha jkun ritardat il-pagament. Pero' hemm eccezzjonijiet tant assoluti kemm relattivi, li jistghu jigu moghtija u ghandhom ikunu ammessi. Dawna l-eccezzjonijiet ghandhom il-bazi taghhom fid-dritt komuni u fid-dritt kambjarju. Per ezempju, l-inkapacita' li hija regolata mid-dritt komuni tifforma wahda mill-eccezzjonijiet assoluti, u l-pagament huwa wiehed mill-eccezzjonijiet relativi jew personali li huma regolati mid-dritt kambjarju. Hemm ukoll eccezzjonijiet li gejjin minn fatti posterjuri ghad-data ta' l-emissjoni tal-kambjali.”*

Issa fil-kaz in ezami jidher li l-konvenut ma ressaq ebda eccezzjoni ghalkemm xehed f’zewg opportunitajiet moghtija lilu.

In vista tal-provi mismugha din il-Qorti thoss li t-talba attici ghandha tigi akkolta f’ammont ridott u cioe’ fl-ammont ta’ sitt elef, hames mija u hamsa u tletin ewro u tmien centezmi (€6,535.08).

Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tilqa’ t-talba attrici f’somma inferjuri b’dan illi qieghda tikkundanna lill-konvenuti in solidum ihallsu lis-socjeta’ attrici dik is-somma ridotta ta’ sitt elef, hames mija u hamsa u tletin ewro u tmien centezmi (€6,535.08).

Tordna wkoll sabiex il-konvenuti in solidum ihallsu l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri u l-imghax jibda jiddekorri mid-data tal-iskadenza sad-data tal-effettiv pagament.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------